**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikoli 75 *et seq* tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tad-dmir tal-EUIPO li jeżerċita l-poteri tiegħu skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2016 – Saleh Thabet vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-274/16)**

(2016/C 270/63)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Suzanne Saleh Thabet (il-Kajr, l-Eġittu) (rappreżentanti: B. Kennelly u J. Pobjoy, barristers, u by G. Martin u M. Rushton, solicitors)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411, tat-18 ta' Marzu 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 74, p. 40), sa fejn hija tapplika għar-rikorrenti;

— tiddikjara li l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK, tal-21 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, p. 63) u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011, tal-21 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, p. 4) ma japplikawx sa fejn huma japplikaw għar-rikorrenti u, għaldaqstant, tannulla d-Deċiżjoni (PESK) 2016/411, sa fejn hija tapplika għar-rikorrenti,

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill naqas milli jidentifika bażi legali xierqa għall-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni") u għall-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru°270/2011 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament"). Ebda prova ma tippermetti li jiġi stabbilit li l-Kunsill wettaq eżami tal-bażi legali tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni meta adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/411 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), minkejja l-obbligu espress previst f'dan is-sens mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni. Il-fatt li l-Artikolu 1(1) seta' kellu bażi legali valida waqt l-adozzjoni inizjali tiegħu fil-21 ta' Marzu 2011 ma jagħtix lil din id-dispożizzjoni bażi legali li tippersisti sal-2016 u lil hinn minn din is-sena.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet mogħtija lir-rikorrenti mill-Artikolu 6 TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 2 u 3 TUE, u mill-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, permezz tas-suppożizzjoni tal-Kunsill li l-proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu kienu josservaw id-drittijiet fundamentali.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żbalji manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkluda li l-kriterju li kellu jiġi osservat sabiex ir-rikorrenti titniżżel fuq il-lista msemmi fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni u fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament kien issodisfatt.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma pprovdiex motivazzjoni sufficjenti sabiex jaħtar mill-ġdid lir-rikorrenti.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kunsill tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, id-dritt ta’ amministrazzjoni tajba u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. B’mod partikolari, il-Kunsill naqas milli jeżamina fid-dettall u b’mod imparzjali jekk ir-raġunijiet allegati, li għandhom jiġġustifikaw il-ħatra mill-ġdid tar-rikorrenti, kinux fondati fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet preċedenti tar-rikorrenti.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kunsill, b’mod mhux iġġustifikat u sproporzjonat, tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż id-dritt tagħha għall-protezzjoni tal-proprjetà tagħha u għar-reputazzjoni tagħha. L-effetti tad-deċiżjoni kkontestata huma kunsiderevoli għar-rikorrenti, kemm għall-beni tagħha kif ukoll għar-reputazzjoni tagħha fuq livell mondjal. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill naqas milli juri li l-iffriżar tal-assi u riżorsi ekonomiċi tar-rikorrenti għandu għan leġittimu jew li kien iġġustifikat minn dan l-għan u, *a fortiori*, li huwa kien proporzjonat għal tali għan.

---

## Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Mejju 2016 – Mubarak *et* vs Il-Kunsill

## (Kawża T-275/16)

(2016/C 270/64)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak (il-Kajr, l-Eġittu), Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak (il-Kajr), Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh (il-Kajr), Khadiga Mahmoud El Gammal (il-Kajr) (rappreżentanti: B. Kennelly u J. Pobjoy, barristers, u G. Martin u M. Rushton, Solicitors)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411, tat-18 ta’ Marzu 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2016 L 74, p. 40), sa fejn din tapplika għar-rikorrenti;

— tiddikjara li l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK, tal-21 ta’ Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2011 L 76, p. 63) u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011, tal-21 ta’ Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2011 L 76, p. 4) huma inapplikabbli sa fejn japplikaw għar-rikorrenti, u għalhekk, tannulla d-Deċiżjoni (PESK) 2016/411, sa fejn din tapplika għar-rikorrenti,

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv: il-Kunsill naqas milli jidentifika bażi legali xierqa għall-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni”) u għall-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 270/2011 (iktar ’il quddiem ir-“regolament”). Ebda prova ma tippermetti li jiġi stabbilit li l-Kunsill wettaq eżami tal-bażi legali tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni meta adotta d-deċiżjoni (PESK) 2016/411 (iktar ’il quddiem “id-deċiżjoni kkontestata”), minkejja l-obbligu espress stabbilit f’dan is-sens mill-Artikolu 5 tad-deċiżjoni. Il-fatt li l-Artikolu 1(1) seta’ kellu bażi legali valida matul l-adozzjoni inizjali tiegħu fil-21 ta’ Marzu 2011 ma jagħtix lil din id-dispożizzjoni bażai legali li tibqa’ sal-2016 u lil hinn.